KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24 (kontinwazzjoni 4) — IS-SITT KUNSILL**

L-erbgha u ghoxrin seduta (kontinwazzjoni 4) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-**Tlieta 14 ta' Dicembru, 2010** fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Julian Galea, Nicolai Gauci, Patrick Pace.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Christian Vella

**SKUZATI**

Il-Kunsilliera Martin Debono (minhabba raguni ta' safar), Nikki Dimech (minhabba impenn ta' xoghol)

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24 (KONTINWAZZJONI 4)**

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

Is-Sindku pproponiet, li jigu sospizi l-proceduri tal-laqgha biex uq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li jkompli jiddiskuti l-Komunikazzjoni mis-Sindku.

**7. Komunikazzjoni mis-Sindku**

**24.7.1** Is-Sindku talbet sospensjoni tal-aġenda biex tigi diskussa r-risposta tal-Kunsill ghall-*Management Letter* u dan ghaliex il-Kunsill marbut b'terminu ta' zmien skont il-Ligi sa meta jista jibghat ir-risposta. ***"DOK A" u "DOK B" annessi mal-minuti.***

**24.7.2** Il-Kunsilliera S. Camilleri ħarġet mis-seduta fil-5.35 ta' filghaxija għax qalet li ma kinitx taf li l-laqgha tal-Kunsill kellha tibda b'diskussjoni dwar dan is-suġġett.

**24.7.3** Il-Kunsillier N. Gauci qal li dan is-suggett m'ghandux jigi diskuss.

**24.7.4** Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li jekk id-diskussjoni tal-Kunsill se tibda bir-risposta ghall-*Management Letter* hija se toħroġ mis-seduta għaliex tħoss li għandu jkun hemm il-Kunsillier N. Dimech preżenti, minħabba li hu kien involut fil-perjodu li se jkun diskuss.

**24.7.5** ***Daħal il-Kunsillier P. Pace għas-seduta fis-5.40 ta' filghaxija.***

**24.7.6** Is-Sindku qalet li tippreferi li kulhadd ikun prezenti ghad-diskussjoni dwar ir-risposta ghall-*Management Letter* għaliex din tikkoncerna lill-Kunsilliera kollha. Qalet li marbutin bit-terminu skont il-liġi biex tintbaghat ir-risposta ghall-*Management Letter.*

**24.7.7** ***Il-Kunsilliera M. Aquilina u N. Gauci hargu mis-seduta fis-5.43 ta' filghaxija.***

**24.7.8** L-accountant tal-Kunsill C. Vella spjega punt punt l-ittra li ghandha tintbaghat b'risposta għall-*Management Letter*.

**24.7.9** L-accountant tal-Kunsill ressaq l-ewwel punt mill-Management Letter cioe dwar l-*invoices* ghal xiri ta' computer hardware u software fi Frar u f'Marzu.

***24.7.9.1*** Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsillier N. Dimech ghad ghandu fil-pussess tieghu laptop tal-Kunsill.

***24.7.9.2*** Is-Sindku qalet li hi mhux se tidhol responsabbli għal xi ħadd li qiegħed jagħmel użu mill-proprjeta tal-Kunsill minghajr l-awtorizazzjoni necessarja tal-Kunsill.

***24.7.9.3*** Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill għandu jerġa jikteb lill-Kunsillier N. Dimech dwar il-laptop Asus Eee li qieghed fil-pussess tieghu.